


# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(L-Erbgħa u Tletin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-LUMINATI F'GĦAWDEX (2)*

***Il-Luminata ta' Schembri & Said.***
Francesco Schembri, magħruf bħala Ċikku, kif għidna, kien ilu fin-negozju tal-bejgħ tal-luminata għax qabel ma beda jagħmilha hu, kien jimpurtaha f'Għawdex minn Malta. Imbagħad, għamel kumpanija sħab ma' Ġorġ Said mir-Rabat ta' Għawdex ukoll, magħruf bħala tat-Taljan. Dawn kienu ħbieb sewwa għax Ċikku kien ukoll il-parrinu tal-Magħmudija ta' Anton Said, it-tifel ta' Ġorġ.



Il-fabbrika tal-luminata ta' Schembri u Said kienet tinsab f'maħżen kbir ħdejn il-Barrakka tat-Tiġrija faċċata tal-Palazz ta' l-Isqof.

Il-makkinarju li kellhom biex jaħdmu ma kienx xi wieħed kbir u sofistikat. Kellhom magna waħda, qisha kolonna, u l-apparat kien jitħaddem bl-idejn u l-luminata kienu jimlewha flixkun flixkun. Iħaddmu l-magna kien ikun hemm tnejn min-nies.

Kif qalli Anton Said, bin Ġorġ, biex jagħmlu l-luminata kienu jużaw il-gass ($CO_2$ jew Carbon Dioxide) u l-ġulepp, jiġifieri l-essenza.

Qabel ma jimlewhom, il-fliexken kienu jinħaslu f'tankijiet kbar tal-ħadid. Il-ħasil kien isir bl-idejn u kien ikun hemm minn tnejn sa tlieta minn nies fuq dan ix-xogħol.

Kienu jagħmlu luminata bajda biss. Il-fliexken kienu ta' qies wieħed u kienu jingħalqu bit-tappijiet (plattini) jew *crown corks*. Il-luminata kienet titqassam f'kaxxi li kienu jesgħu 48 flixkun kull waħda.

It-tqassim tal-luminata għall-bejgħ kien isir minn Ġorġ Said, missier Toni, li miegħu ġie li kien ikollu lil Kelinu magħruf bħala Tat-Tamla. Fil-bidu kienu jmorru bil-karrettun, imma wara xtraw vann.

In-negozju tal-lumitata ta' Schembri u Said kien beda għan-nofs it-tletinijiet u baqa' sejjer anki fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija għax darba, aktarx fis-sena 1942, lil Said kienu mmaxinganjawh qrib il-Mitħna tax-Xewkija.

Meta ġew biex ixolju d-ditta ta' bejniethom, Ġorġ Said aċċetta li bħala ħlas ta' sehmu jieħu somma flus.

6. Il-luminata ta' Ġorġ De Brincat, il-Fixħi, bit-tikketta li kienet iġġib **Ix-Xemx** jew **The Sun**, ix-xemx tielgħa nofsha minn ġol-baħar. Din kienet tinħadem f'maħżen fi Strada Garbo u li llum nafu li jġib in-numru 72, Triq Sant'Orsla, ir-Rabat, Għawdex. Tissemma l-ewwel darba fil-"*Guida Generale*" tas-snin 1937-38. Kienet magħrufa bħala **The Sun Mineral Water Factory Georgio Debrincat, Victoria, Gozo**. Minbarra l-luminata kienet tagħmel ukoll il-Cola. Din id-ditta kienet għalqet fis-sena 1956 u l-apparat bil-magna b'kollox kien inbiegħ lil Mienu tal-Gallett mix-Xagħra bil-prezz ta' mit lira (£100). Dan qabbadha l-magna, imma ma ħadimx luminata.



7. Il-luminata ta' Ġ. A. Agius, ta' Żerrek, bit-tikketta **Lighthouse Aerated Water**, li kienet turi fanal bil-lanterna tarmi d-dija. It-tikketta kienet stampata ġol-ħġieġ u kellha l-ilwien blu fuq sfond abjad u l-kliem THE LIGHTHOUSE AERATED WATER G. AGIUS. Kienet tinħadem ġo maħżen kbir u wiesa' mhux ħażin fi Triq il-Kastell (Salita del Castello), illum

magħrufa bħala It-Telgħa tal-Ħaġġarija, ir-Rabat, Għawdex. Fil-"*Guida Generale*" din id-ditta tissemma fis-snin 1939-1940. Spiċċat fil-bidu tas-snin 60.




Id-ditta ta' Giuseppe Agius ġiet reġistrata ma' l-Uffiċċju tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali skont l-Artiklu 79 tal-Liġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali (l-Ordinanza XI ta' l-1899), bħala Trade Mark Nru. 3211, fuq l-isem l-indirizz Mr Giuseppe Agius ta' 7 Piazza Reale (jiġifieri It-Tokk, illum Pjazza Indipendenza), Victoria, Gozo, liema reġistrazzjoni ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta ta' l-1 ta' Lulju, 1938, p. 730. Il-Kontrollur dak iż-żmien kien Leslie Stephenson.

Hemm min igħid li oriġinarjament il-luminata *Lighthouse* kienet tinħadem minn Pace taż-Żejtun u l-fanal hu dak ta' Dellimara. Imma jien ma sibtx provi tanġibbli dwar dan l-għajdut.

8. **Il-luminata ta' Toni u Nenu Formosa.** Dawn kienu jaħdmu f'*garage* kbir fi Triq San Ġużepp, ix-Xagħra, fl-inħawi ta' Sant' Anton, aktarx in-Nru. 14. Kienu jaħdmu wara l-gwerra, xi sittin sena ilu. Kienu jagħmlu mhux biss xarbiet tal-larinġ u l-lumi, imma wkoll tal-banana u tal-frawli. L-essenza kienet tinxtara mingħand l-aġent f'Malta. Ma nafux jekk din id-ditta kellhiex xi isem partikulari, imma l-prodott tagħha kien magħruf bħala "Il-ġinġer tal-ġakk", għax kienu jużaw il-fliexken tal-boċċa. Iżda kellhom żewġ tipi ta' fliexken: iż-żgħar u l-kbar. Il-magna li kellhom biex tagħlaq it-tappijiet kienet titħaddem manwalment jew aħjar bil-pressa tas-saqajn. Il-ħasil tal-fliexken kien isir fi ħwat kbar tal-konkos. Inzerta li, maġenb il-*garage* fejn kienu jiġu bbottiljati din il-luminata u x-xarbiet l-oħra bħalha, kien hemm ħanut tax-xorb li allura kien jieħu u jbigħ ix-xarbiet ta' din id-ditta. Il-flixkun iż-żgħir kien jinbiegħ żewġ soldi (ġis-soldi - 2d) u l-kbir tliet soldi (3d).

9. Il-luminata ta' Victor Bajada, magħruf bħal "tal-Ġrejden", bit-tikketta **Sportsman's Lemonade** li kienet turi kaċċatur qiegħed jispara bl-ixkubetta u stampi ta' lumi fuq kull naħa. It-tikketta kienet stampata fuq il-karti bl-ilwien ħodor u sofor. Sbuzzati fuq il-flixkun id-ditta kienet iġġib il-kelmiet **Sportsman Mineral Water Factory Victor Bajada, Gozo**.




Din id-ditta kienet ġiet reġistrata ma' l-Uffiċċju tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali skont is-Sezzjoni 90 ta' l-Ordinanza (għall-Protezzjoni) tal-Proprjetà Industrijali (Kapitlu 48) bħala Trade Mark No. 4233 fuq l-isem u l-indirizz: Victor Bajada ta' 70 Sqaq Balliju, Għajnsielem, liema reġistrazzjoni ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tas-26 ta' Awwissu, 1947, p. 893. Il-Kontrollur dak iż-żmien kien Walter Salamone u l-Uffiċċju kien jinsab fil-Bini tal-Librerija Pubblika ta' Malta, Pjazza Reġina, il-Belt Valletta.

Victor Bajada (1900-1979) kien twieled ix-Xagħra u trabba fl-inħawi tal-Pergla fejn il-familja kellhom razzett. Kien kaċċatur akkanit mir-razza u għalhekk ma setax jonqos li meta qatagħha li jibda jagħmel il-luminata beda jagħmilha taħt it-tikketta tal-kaċċatur, **Sportsman's Brand** u t-**Trade Mark** kienet proprju kaċċatur qiegħed jispara. Victor Bajada kien bniedem ta' ħeġġa impreditorjali kbira u apparti li fis-snin 30 kien fin-negozju tal-ġarr tal-merkanzija bejn Malta u Għawdex u bejgħ bl-ingrossa minn maħżen ix-Xatt, qabel ma beda jagħmel il-luminata kien diġà jagħmel l-inbid, prodott li dari Għawdex kien magħruf wisq għalih minħabba l-għadd kbir ta' dwieli li kienu jitkabbru hawnhekk.

Kienet is-sena 1947 meta Bajada bena maħżen kbir, li għadu jeżisti, fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, fejn kien jagħsar l-inbid. Nafu saħansitra n-numru tat-Telefon li kellu dak iż-żmien, 120, u l-kodiċi tat-telegrafu: BAJTOR, taqsira ta' Bajada u Victor. F'dik l-istess sena xtara l-magni meħtieġa biex jibda jaħdem dan ix-xogħol tax-xorb minerali.

Billi Victor Bajada beda jaħdem wara l-gwerra, l-apparat tiegħu kien aktar sofistikat minn dak ta' ditti oħrajn li kienu jaħdmu qabel il-gwerra. U ma kienx jagħmel luminata biss.







L-aktar li kienet timxi kienet l-i*Sportsman's Lemonade*, il-luminata tal-kaċċatur, iżda kienu jsiru wkoll xarbiet oħrajn bħal: **Cola, Banana, Strawberry** (xorb tal-frawli) **Cream Soda** u **Soda Water** - mingħajr l-ebda essenza.

Victor Bajada baqa' jagħmel il-luminata sa madwar 1962.

10. Il-luminata ta' Salvu Spiteri (tal-Majru), mix-Xewkija. Ftit sibna tagħrif dwar din id-ditta. Li nafu żgur hu li kellha fliexken żgħar bil-kliem sbuzzat fuq barra SALVATORE SPITERI XEUCHIA u *Trade Mark* kienet ŻIEMEL WIEQAF FUQ SAQAJH.

11. Oħrajn li kienu magħrufa għal dan ix-xogħol kienu: Frenċ il-Kaħla jew il-Mellieħi. Dan kellu l-maħżen tiegħu quddiem il-Villa Rundle fejn illum (2010) hemm il-Banif Bank. Jissemma wkoll Il-Baġlu, Spiteri, fi Triq Santa Marija. Jingħad li dawn kienu jibbottiljaw il-luminata fil-fliexken bil-boċċa.

***(jissokta)***